DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2019/863

tal-14 ta' Mejju 2019

dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fl-Organizzazzjoni tas-Sajd fil-Majjistral tal-Atlantiku (NAFO), u li tħassar id-Deċiżjoni tas-26 ta' Mejju 2014 dwar il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata, f'isem l-Unjoni, fin-NAFO

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 43, flimkien mal-Artikolu 218(9) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

(1) Bir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3179/78 ([1]), l-Unjoni kkonkludiet il-Konvenzjoni dwar il-Kooperazzjoni fis-Sajd tal-Atlantiku tal-Majjistral ([2]) (il-"Konvenzjoni NAFO"), li stabbilixxiet l-Organizzazzjoni tas-Sajd fl-Atlantiku tal-Majjistral (NAFO). Skont id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2010/717/UE ([3]), l-Unjoni kkonkludiet ir-raba' emenda għall-Konvenzjoni tan-NAFO li stabbilixxet il-Kummissjoni tal-Organizzazzjoni tas-Sajd fl-Atlantiku tal-Majjistral ([4]) (il-"Kummissjoni tan-NAFO").

(2) Il-Kummissjoni tan-NAFO hija responsabbli mill-adozzjoni ta' miżuri mfassla biex tiġi żgurata l-konservazzjoni u l-użu sostenibbli fit-tul tar-riżorsi tas-sajd fiż-żona tal-Konvenzjoni tan-NAFO u biex jiġu ssalvagwardjati l-ekosistemi tal-baħar li jinsabu fihom dawn ir-riżorsi. Tali miżuri jistgħu jsiru vinkolanti fuq l-Unjoni.

(3) Ir-Regolament (UE) Nru 1380/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([5]) jipprevedi li l-Unjoni għandha tiżgura li l-attivitajiet tas-sajd u tal-akkwakultura jkunu ambjentalment sostenibbli fit-tul u li jkunu ġestiti b'mod li huwa konsistenti mal-objettivi li jinkisbu benefiċċji ekonomiċi, soċjali u tal-impjieg, u li jikkontribwixxu għad-disponibbiltà tal-provvisti tal-ikel. Dan jipprevedi wkoll li l-Unjoni għandha tapplika l-approċċ prekawzjonarju għall-ġestjoni tas-sajd, u għandu jkollha l-għan li tiżgura li l-isfruttar ta' riżorsi bijoloġiċi tal-baħar jirrestawra l-popolazzjoni tal-ispeċijiet mistada u jżommhom 'il fuq mil-livelli li jistgħu jipproduċu r-rendiment massimu sostenibbli. Dan jipprevedi wkoll li l-Unjoni għandha tieħu miżuri ta' ġestjoni u ta' konservazzjoni bbażati fuq l-aqwa pariri xjentifiċi disponibbli, tappoġġja l-iżvilupp ta' għarfien u pariri xjentifiċi, gradwalment telimina l-iskartar u tippromwovi metodi tas-sajd li jikkontribwixxu għal sajd aktar selettiv u l-evitar u t-tnaqqis, kemm jista' jkun, ta' qabdiet mhux mixtieqa, għal sajd b'impatt baxx fuq l-ekosistema tal-baħar u r-riżorsi tas-sajd. Barra minn hekk, ir-Regolament (UE) Nru 1380/2013 speċifikament jipprevedi li dawk l-objettivi u l-prinċipji għandhom jiġu applikati mill-Unjoni fit-twettiq tar-relazzjonijiet tas-sajd esterni tagħha.

(4) Kif iddikjarat fil-Komunikazzjoni konġunta mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà u l-Kummissjoni Ewropea "Il-governanza Internazzjonali tal-oċeani: aġenda għall-futur tal-oċeani tagħna", u l-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar dik il-komunikazzjoni konġunta, il-promozzjoni ta' miżuri li jappoġġjaw u jtejbu l-effettività tal-organizzazzjonijiet tal-ġestjoni tas-sajd reġjonali (RFMOs) u, fejn rilevanti, itejbu l-governanza tagħhom, hija ċentrali għall-azzjoni tal-Unjoni f'dawn il-fora.

(5) Il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni "Strateġija Ewropea għall-Plastiks f'Ekonomija Ċirkolari", tirreferi għal miżuri speċifiċi biex jitnaqqsu l-plastik u t-tniġġis tal-baħar, kif ukoll it-telf jew l-abbandun ta' rkaptu tas-sajd fil-baħar.

([1]) Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3179/78 tat-28 ta' Diċembru 1978 li jirrigwarda l-konklużjoni mill-Komunità Ekonomika Ewropea tal-Konvenzjoni dwar il-Kooperazzjoni Multilaterali Futura dwar is-Sajd fl-Atlantiku tal-Majjistral (ĠU L 378, 30.12.1978, p. 1).

([2]) ĠU L 378, 30.12.1978, p. 16.

([3]) Deċiżjoni tal-Kunsill 2010/717/UE tat-8 ta' Novembru 2010 dwar l-approvazzjoni, f'isem l-Unjoni Ewropea, tal-Emenda għall-Konvenzjoni dwar il-Kooperazzjoni Multilaterali fil-Ġejjieni dwar is-Sajd fl-Atlantiku tal-Majjistral (ĠU L 321, 7.12.2010, p. 1).

([4]) ĠU L 321, 7.12.2010, p. 2.

([5]) Regolament (UE) Nru 1380/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 dwar il-Politika Komuni tas-Sajd, li jemenda r-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1954/2003 u (KE) Nru 1224/2009 u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 2371/2002 u (KE) Nru 639/2004 u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2004/585/KE (ĠU L 354, 28.12.2013, p. 22).

(6) Huwa xieraq li tiġi stabbilita l-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fil-laqgħat tal-Kummissjoni tan-NAFO għall-perijodu 2019-2023, u li tiġi mħassra d-Deċiżjoni tal-Kunsill tas-26 ta' Mejju 2014 dwar il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata, f'isem l-Unjoni, fin-NAFO, minħabba li l-miżuri ta' konservazzjoni u ta' infurzar tan-NAFO ser ikunu vinkolanti fuq l-Unjoni u kapaċi li jinfluwenzaw b'mod deċiżiv il-kontenut tal-liġi tal-Unjoni, jiġifieri, ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1005/2008 ([6]) u (KE) Nru 1224/2009 ([7]), u r-Regolament (UE) 2017/2403 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([8]).

(7) Fid-dawl tan-natura li qed tinbidel tar-riżorsi tas-sajd fiż-żona tal-Konvenzjoni NAFO u l-ħtieġa konsegwenti għall-pożizzjoni tal-Unjoni biex tqis żviluppi ġodda, inkluż informazzjoni xjentifika ġdida u informazzjoni oħra rilevanti ppreżentata qabel jew matul il-laqgħat tal-Kummissjoni tan-NAFO, jenħtieġ li jiġu stabbiliti proċeduri, f'konformità mal-prinċipju tal-kooperazzjoni leali fost l-istituzzjonijiet tal-Unjoni mnaqqax fl-Artikolu 13(2) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, għall-ispeċifikazzjoni ta' sena sena tal-pożizzjoni tal-Unjoni għall-perijodu 2019-2023,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fil-laqgħat tal-Kummissjoni tal-Organizzazzjoni tas-Sajd fl-Atlantiku tal-Majjistrali (NAFO) hija stabbilita fl-Anness I.

Artikolu 2

L-ispeċifikazzjoni sena sena tal-pożizzjoni tal-Unjoni li għandha tittieħed fil-laqgħat tal-Kummissjoni tan-NAFO għandha titwettaq skont l-Anness II.

Artikolu 3

Il-pożizzjoni tal-Unjoni stabbilita fl-Anness I għandha tiġi vvalutata u, meta jkun xieraq, riveduta mill-Kunsill fuq proposta tal-Kummissjoni, mhux aktar tard milli għal-laqgħa annwali tal-Kummissjoni tan-NAFO fl-2024.

Artikolu 4

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill tas-26 ta' Mejju 2014 dwar il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata, f'isem l-Unjoni Ewropea, fl-Organizzazzjoni tas-Sajd fl-Atlantiku tal-Majjistral (NAFO) hija b'dan imħassra.

Artikolu 5

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell, l-14 ta' Mejju 2019.

Għall-Kunsill

Il-President

P. DAEA

([6]) Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1005/2008 tad-29 ta' Settembru 2008 li jistabbilixxi sistema Komunitarja sabiex tipprevjeni, tiskoraġġixxi u telimina sajd illegali, mhux irrappurtat u mhux irregolat, li jemenda r-Regolamenti (KEE) Nru 2847/93, (KE) Nru 1936/2001 u (KE) Nru 601/2004 u li jħassar ir-Regolamenti (KE) Nru 1093/94 u (KE) Nru 1447/1999 (ĠU L 286, 29.10.2008, p. 1).

([7]) Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1224/2009 tal- 20 ta' Novembru 2009 li jistabbilixxi sistema Komunitarja ta' kontroll għall-iżgurar tal-konformità mar-regoli tal-Politika Komuni tas-Sajd, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 847/96, (KE) Nru 2371/2002, (KE) Nru 811/2004, (KE) Nru 768/2005, (KE) Nru 2115/2005, (KE) Nru 2166/2005, (KE) Nru 388/2006, (KE) Nru 509/2007, (KE) Nru 676/2007, (KE) Nru 1098/2007, (KE) Nru 1300/2008, (KE) Nru 1342/2008 u li jħassar ir-Regolamenti (KEE) Nru 2847/93, (KE) Nru 1627/94 u (KE) Nru 1966/2006 (ĠU L 343, 22.12.2009, p. 1).

([8]) Regolament (UE) 2017/2403 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2017 dwar il-ġestjoni sostenibbli ta' flotot tas-sajd esterni, u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1006/2008 (ĠU L 347, 28.12.2017, p. 81).

ANNESS I

Il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fl-Organizzazzjoni tas-Sajd fl-Atlantiku tal-Majjistral (NAFO)

1. PRINĊIPJI

Fil-qafas tan-NAFO, l-Unjoni għandha:

(a) taġixxi skont l-objettivi u l-prinċipji segwiti mill-Unjoni fil-politika komuni tas-sajd (CFP), jiġifieri permezz tal-approċċ prekawzjonarju u l-miri relatati mar-rendiment massimu sostenibbli kif stipulat fl-Artikolu 2(2) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013, sabiex tippromwovi l-implimentazzjoni ta' approċċ ibbażat fuq l-ekosistema għall-ġestjoni tas-sajd u biex tillimita l-impatti ambjentali tal-attivitajiet tas-sajd, u biex tevita u tnaqqas kemm jista' jkun, il-qabdiet possibbli mhux mixtieqa, u telimina b'mod gradwali l-iskartar, u timminimizza l-impatt tal-attivitajiet tas-sajd fuq l-ekosistemi tal-baħar u l-ħabitats tagħhom, kif ukoll, permezz tal-promozzjoni ta' sajd tal-Unjoni ekonomikament vijabbli u kompetittiv, sabiex tipprovdi standard tal-għajxien ġust lil dawk li jiddependu fuq l-attivitajiet tas-sajd u tqis l-interessi tal-konsumaturi;

(b) taħdem lejn l-involviment xieraq tal-partijiet interessati fil-fażi tat-tħejjija għall-miżuri tan-NAFO u tiżgura li l-miżuri adottati fi ħdan il-Kummissjoni tan-NAFO jkunu skont il-Konvenzjoni NAFO;

(c) tiżgura li l-miżuri adottati fi ħdan il-Kummissjoni tan-NAFO jkunu konsistenti mal-liġi internazzjonali, u b'mod partikolari mad-dispożizzjonijiet tal-Konvenzjoni dwar il-Liġi tal-Baħar tan-NU tal-1982, tal-Ftehim tan-NU tal-1995 relatat mal-Konservazzjoni u l-Ġestjoni ta' Stokkijiet ta' Ħut Transżonali u Stokkijiet ta' Ħut li Jpassi Ħafna, tal-Ftehim tal-1993 li jippromwovi l-konformità mal-miżuri ta' konservazzjoni u ġestjoni internazzjonali minn bastimenti tas-sajd fl-ibħra internazzjonali u tal-Ftehim tal-2009 tal-Organizzazzjoni tal-Ikel u l-Agrikoltura dwar il-Miżuri tal-Istati tal-Portijiet;

(d) tippromwovi pożizzjonijiet konsistenti mal-aħjar prattiki tal-organizzazzjonijiet tal-ġestjoni tas-sajd reġjonali (RFMOs) fl-istess żona;

(e) tfittex il-konsistenza u s-sinerġija mal-politika li l-Unjoni qed issegwi bħala parti mir-relazzjonijiet tas-sajd bilaterali tagħha ma' pajjiżi terzi, u tiżgura l-koerenza mal-politiki l-oħra tagħha b'mod partikolari fil-qasam tar-relazzjonijiet esterni, l-impjiegi, l-ambjent, il-kummerċ, l-iżvilupp, ir-riċerka u l-innovazzjoni;

(f) tiżgura li l-impenji internazzjonali tal-Unjoni jiġu rispettati;

(g) tkun konformi mal-Konklużjonijiet tal-Kunsill tad-19 ta' Marzu 2012 dwar il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar id-dimensjoni esterna tal-Politika Komuni tas-Sajd ([1]);

(h) timmira li toħloq kundizzjonijiet ekwi għall-flotta tal-Unjoni fi ħdan iż-żona regolatorja tan-NAFO abbażi tal-istess prinċipji u standards bħal dawk applikabbli skont il-liġi tal-Unjoni, u li tippromwovi l-implimentazzjoni uniformi ta' dawk il-prinċipji u l-istandards;

(i) tkun konformi mal-konklużjonijiet tal-Kunsill ([2]) dwar il-Komunikazzjoni konġunta mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà u l-Kummissjoni Ewropea dwar *Il-governanza internazzjonali tal-oċeani: aġenda għall-futur tal-oċeani tagħna* ([3]) u tippromwovi miżuri biex jappoġġjaw u jtejbu l-effettività tan-NAFO u, fejn rilevanti, itejbu l-governanza u l-prestazzjoni tagħha (b'mod partikolari fir-rigward tax-xjenza, il-konformità, it-trasparenza u t-teħid ta' deċiżjonijiet) bħala kontribut għall-ġestjoni sostenibbli tal-oċeani fid-dimensjonijiet kollha tagħha;

(j) tippromwovi l-koordinazzjoni bejn l-RFMOs u l-konvenzjonijiet reġjonali tal-baħar (RSCs) u l-kooperazzjoni mal-organizzazzjonijiet globali, kif applikabbli, fi ħdan il-mandati tagħhom, fejn xieraq;

(k) tippromwovi l-mekkaniżmi ta' kooperazzjoni fost l-RFMOs mhux tat-tonn simili għall-hekk imsejjaħ proċess ta' Kobe għall-RFMOs tat-tonn.

2. ORJENTAZZJONIJIET

L-Unjoni għandha, fejn xieraq, tagħmel ħilitha sabiex tappoġġa l-adozzjoni min-NAFO tal-azzjonijiet li ġejjin:

(a) miżuri ta' konservazzjoni u ġestjoni għar-riżorsi tas-sajd fiż-żona regolatorja tan-NAFO abbażi tal-aqwa parir xjentifiku disponibbli, u l-approċċ prekawzjonarju inkluż il-Qabdiet Totali Permissibbli (TACs) u kwoti jew regolazzjoni tal-isforz għar-riżorsi bijoloġiċi tal-baħar ħajjin li huma rregolati min-NAFO, li jistgħu jwasslu għal jew iżommu r-rata tal-isfruttament għar-rendiment sostenibbli massimu sa mhux iktar tard mill-2020. Fejn neċessarju, għandhom jitqiesu miżuri speċifiċi għall-istokkijiet li jsofru minn sajd żejjed, sabiex l-isforz tas-sajd jinżamm konformi mal-opportunitajiet tas-sajd disponibbli;

([1]) 7087/12 REV 1 ADD 1 COR 1.
([2]) 7348/1/17 REV 1 tal-24.3.2017.
([3]) JOIN(2016) 49 final tal-10.11.2016.

(b) miżuri biex jiġu impediti, skoraġġuti u eliminati attivitajiet tas-sajd illegali, mhux irrapportati u mhux regolati fiż-żona regolatorja, inkluż il-lista ta' bastimenti IUU;

(c) miżuri li jsaħħu l-ġbir ta' data xjentifika dwar is-sajd u li jippromwovu kooperazzjoni aħjar bejn l-industrija u x-xjentisti;

(d) miżuri ta' monitoraġġ, kontroll u sorveljanza fiż-żona regolatorja tan-NAFO sabiex tiġi żgurata l-effiċjenza tal-kontroll u tal-konformità mal-miżuri adottati fi ħdan in-NAFO;

(e) miżuri biex jiġi minimizzat l-impatt negattiv tal-attivitajiet tas-sajd fuq il-bijodiversità tal-baħar u l-ekosistemi tal-baħar u l-ħabitats tagħhom, inklużi miżuri biex jitnaqqas it-tniġġis tal-baħar u jiġi impedit ir-rimi ta' plastiks fil-baħar u jitnaqqas l-impatt ta' plastiks preżenti fil-baħar fuq il-bijodiversità u l-ekosistemi tal-baħar, miżuri protettivi għal ekosistemi tal-baħar vulnerabbli fiż-żona regolatorja f'konformità mal-Konvenzjoni tan-NAFO, filwaqt li jitqiesu l-Linji Gwida Internazzjonali tal-FAO għall-Ġestjoni tas-Sajd fil-Baħar Fond fl-Ibħra Internazzjonali, il-miżuri biex qabdiet mhux mixtieqa jiġu evitati u jitnaqqsu kemm jista' jkun, inklużi b'mod partikolari speċijiet tal-baħar vulnerabbli, u biex gradwalment jiġi eliminat l-iskartar;

(f) miżuri biex jitnaqqas l-impatt ta' Rkaptu tas-Sajd Abbandunat, Mitluf jew Skartat mod ieħor (ALDFG) fl-oċean u biex jiġu ffaċilitati l-identifikazzjoni u l-irkupru ta' tali rkaptu;

(g) miżuri mmirati lejn il-projbizzjoni ta' sajd imwettaq biss għall-ħsad tax-xewk tal-klieb il-baħar u li jirrikjedu li l-klieb il-baħar kollha jinħattu l-art bix-xewka għadha mwaħħla magħhom b'mod naturali;

(h) approċċi komuni ma' RFMOs oħra, fejn xieraq, b'mod partikolari dawk involuti fil-ġestjoni tas-sajd fl-istess reġjun;

(i) tiżviluppa approċċi relatati mal-indirizzar tal-impatti ta' attivitajiet mhux tas-sajd fuq ir-riżorsi bijoloġiċi tal-baħar fiż-żona regolatorja;

(j) rakkomandazzjonijiet, fejn xieraq u sal-punt permess fid-dokumenti kostitwenti rilevanti, li jħeġġu l-implimentazzjoni tal-Konvenzjoni dwar ix-Xogħol fis-Sajd tal-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol (ILO);

(k) miżuri tekniċi addizzjonali bbażati fuq pariri mill-korpi sussidjarji u mill-gruppi ta' ħidma tan-NAFO.

ANNESS II

L-ispeċifikazzjoni minn sena għal sena tal-pożizzjoni tal-Unjoni li għandha tittieħed fil-laqgħat tal-Organizzazzjoni tas-Sajd fl-Atlantiku tal-Majjistral

Qabel kull laqgħa tal-Kummissjoni tan-NAFO, meta dak il-korp jintalab jadotta deċiżjonijiet li jkollhom effetti legali fuq l-Unjoni, għandhom jittieħdu l-passi neċessarji sabiex dik il-pożizzjoni li għandha tiġi espressa f'isem l-Unjoni tqis l-aktar informazzjoni xjentifika u rilevanti oħra reċenti trażmessa lill-Kummissjoni, skont il-prinċipji u l-orjentazzjonijiet stabbiliti fl-Anness I.

Għal dan il-għan u abbażi ta' dik l-informazzjoni, il-Kummissjoni għandha tittrażmetti lill-Kunsill, fi żmien suffiċjenti qabel kull laqgħa tal-Kummissjoni tan-NAFO, dokument bil-miktub li jistabbilixxi d-dettalji tal-ispeċifikazzjoni proposta tal-pożizzjoni tal-Unjoni għal diskussjoni u approvazzjoni tad-dettalji tal-pożizzjoni li għandha tiġi espressa f'isem l-Unjoni.

Jekk, waqt laqgħa tal-Kummissjoni tan-NAFO ikun impossibbli li jintlaħaq ftehim, inkluż dak il-ħin, sabiex il-pożizzjoni tal-Unjoni tqis elementi ġodda, il-kwistjoni għandha tiġi riferuta lill-Kunsill jew lill-korpi preparatorji tiegħu.